# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 t'Awwissu, 2016.**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Rikors Numru 1038/16**
**fl-ismijiet:**

**Air Malta plc**
**(C – 2685)**

**vs.**

***Airline Pilots Association (Malta) (ALPA)***
**u Kaptan Domenic Azzopardi (I.D. 311766 M), Kaptan Chris Agius (I.D. 34181M), *First Officer* John De Carlo (I.D. 262985 M), Kaptan Charmaine St John (I.D. 171974 M), Kaptan James Fenech (I.D. 137975 M), President, Vici-President, Segretarju, Tezorier u membru rispettivament tal-*Airline Pilots Association (Malta)* (ALPA) f'isimhom proprju**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 ta' Lulju, 2016, (ara foll 1 *et sequitur*);

2.0 Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 17), li permezz tieghu:

   2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

   2.2. Akkoljiet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

   2.3. Iddikjarat li l-istess rikors, minhabba n-natura tieghu, jimmerita li jigi pprocessat u deciz b'urgenza;

   2.4. Appuntat l-istess ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata;

   2.5. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti ghar-risposta;

3. Rat ir-risposta tal-intimati datata l-21 ta' Lulju, 2016, (ara foll 21);

4. Rat id-dokumenti esebiti inkluz dak immarkat Dokument 'D' a foll 5 tal-process li inavvertitament ma kienx ipprezentat mar-rikors promotur kif dovut, izda gie sussegwentement ipprezentat *in atti* fl-udjenza tat-22 ta' Lulju, 2016, (ara foll 40);

5. Rat in-nota ta' riferenzi pprezentata mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 47);

6. Tirrileva li ghalkemm fl-udjenza tat-22 ta' Lulju, 2016, il-kontendenti vverbalizzaw li kienu ser jiltaqghu bil-ghan li jippruvaw jilhqu ftehim ghaqli fl-interess tal-gid komuni, (ara foll 39), dan il-ghan ma intlahaqx;

7. Rat id-dokumenti annessi;

8.0. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti datat id-29 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu ssottolineaw is-segwenti: (ara foll 45)

8.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha deficit ta' sitta u sittin miljun Ewro, (€66,000,000.00);

8.2. Illi fis-sitwazzjoni prezenti hu vizwalizzat li l-istess socjeta` rikorrenti ser tkun fi stat ta' falliment s'Ottubru, 2016;

9.0. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati wkoll datat id-29 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu ssottolineaw is-segwenti: (ara foll 45)

9.1. Illi fil-limiti tad-drittijiet lilhom spettanti kienu qed jassiguraw lil kulhadd li huma prudenti fl-azzjonijiet minnhom kontemplati;

9.2. Illi ghalhekk kienu qed jiddikjaraw li m'huwiex ser jiehdu azzjonijiet industrijali li jwasslu ghall-kancellament ta' titjiriet;

10. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw l-istess mandat;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq indikat is-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet l-ilment taghha bil-mod segwenti:

11.1. Illi ghandha interess tipprotegi d-drittijiet taghha fil-konfront ta' theddida t'azzjoni industrijali da parti tal-intimati;

11.2. Illi ghalhekk qed titlob li l-intimati jigu mizmuma milli jinvestigaw, jibdew u jkomplu azzjonijiet industrijali li jinvolvu interruzzjoni ta' xoghol tal-impjegati tas-socjeta` rikorrenti jew li jwaqqfu jew inaqqsu l-operat tal-istess socjeta`, inkluz kwalunkwe dewmien fit-titjiriet skedati tal-istess socjeta`;

11.3. Illi l-intimati jigu wkoll mizmuma milli jxxekklu l-operat regolari tal-istess socjeta` rikorrenti li jista` jirrizulta fi pregudizzju ekonomiku ghall-istess socjeta`, u dan, kif

dettaljatament elenkat mill-istess socjeta` fl-istess rikors guramentat promotur taghha fuq riferit, (ara foll 1);

11.4. Illi r-ragunijiet ghal tali mandat gew ezawrjentement elenkati mill-istess socjeta` rikorrenti fl-istess rikors minnha promoss, (ara foll 4 *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi min-naha taghhom l-intimati rrispondew sintetikament bil-mod segwenti:

12.1. Illi l-azzjoni odjerna intrapriza mis-socjeta` rikorrenti hi wahda inkwjetanti u hi ekwivalenti ghal tentattiv biex ixxekkel d-dritt t'azzjoni industrijali;

12.2. Illi dan id-dritt hu wiehed baziku naxxenti mill-kuncett ta' negozjar kollettiv kif rinforzat mid-dritt fundamentali tal-liberta` tal-assocjazzjoni kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni), fit-termini tal-artiklu 11 tal-istess, u mill-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), *ai termini* tal-artiklu 42 taghha;

12.3. Illi *di piu`*, l-istess intimati jirreferu ghal diversi sorsi internazzjonali in sostenn tas-suespost, (ara paragrafi 6 sa 14 f'dan ir-rigward, u foll 22 sa 24);

12.4. Illi f'dan ir-rigward l-intimati jaghmlu wkoll referenza ghall-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-gurisprudenza minnhom hemm citata u jsosstnu, li gialadarba l-azzjoni intrapriza mis-socjeta` rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiziti hemm stipulati, t-talbiet tal-istess socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

12.5. Illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu in dizamina l-intimati jsosstnu sintetikament is-segwenti:

12.5.1. Illi l-ftehim kollettiv bejn il-kontendenti odjerni ilu seba` (7) xhur li skada;

12.5.2. Illi s-socjeta` rikorrenti lilha tipprokrastina f'dan ir-rigward;

12.5.3. Illi ghalkemm kien hemm diversi laqghat bejn il-partijiet, l-awspikat ftehim ghadu ma giex milhuq;

12.5.4. Illi appena jinghata l-avviz ta' tilwima industrijali skont skadenzi gia` pattwiti fil-ftehim kollettiv li skada, jirrizulta li allura jistghu jinghataw direttivi industrijali lill-intimati u dan, sakemm l-istess ikunu fil-limiti legali determinati senjatament fil-limiti tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta,u tal-Att dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, Kap 499 tal-istess ligijiet;

12.5.5. Illi l-azzjonijiet industrijali li kellhom f'mohhom l-intimati kienu azzjonijiet ta' entita` irrizorja, (ara foll 30), u mhux dawk accennati mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 1);

12.5.6. Illi huma tal-fehma li jekk it-talbiet tal-intimati ma jigux indirizzati issa, ikun tard wisq;

12.5.7. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jikkostitwixxu precedent ikrah u serju *stante* li dan jikkostitwixxi tentattiv biex il-forum gudizzjarju jigi manipulat biex jigu mnaqqra d-drittijiet industrijali tal-haddiema fil-kategoriji kollha tax-xoghol;

12.5.8. Illi l-jedd *prima facie* tas-socjeta` rikorrenti ma jissussistix;

12.5.9. Illi *di piu`*, lanqas jirrizulta li l-istess socjeta` rikorrenti ghandha xi pregudizzju irrimedjabbli;

12.5.10. Illi fid-dawl tas-suespost titlob li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

12.5.10.i. Jigu respinti fl-interezza taghhom;

12.5.10.ii. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi mill-analizi tal-vertenza kif abbilment esposta kemm b'mod skritt kif ukoll oralment mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi s-socjeta` rikorrenti qed titlob li l-intimati jigu inibiti milli jiehdu kwalunkwe azzjoni industrijali li biha jxekklu:

13.1.1. Kemm l-operat tas-socjeta` rikorrenti;

13.1.2. Kif ukoll il-posizzjoni taghha f'negozjati kummercjali prezentement minnha kondotti;

13.2. Illi fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istess socjeta` kif ivverbalizzat mill-abbli rapprezentati legali taghha fl-udjenza datata d-29 ta' Lulju, 2016, permezz ta' tali azzjonijiet industrijali li jistghu jkunu prospettati mill-intimati, is-socjeta` *de quo* tista` tispicca f'riskju serju ta' falliment, (ara paragrafu numru tmienja punt zero, (8.0.), aktar qabel u foll 45);

13.3. Illi min-naha taghhom l-intimati sintetikament jsosstnu s-segwenti:

13.3.1. Illi permezz tal-azzjoni odjerna intrapriza mis-socjeta` rikorrenti din tirrizulta li qed tipprova xxekkel id-dritt tal-intimati li jintrapprendu azzjonijiet industrijali – liema dritt hu wiehed bazilari ghall-haddiema

f'socjeta` demokratika li topera f'ambjent fejn is-sovranita` tad-dritt tirrenja suprema;

13.3.2. Illi ssosstni li s-sitwazzjoni ekonomika li s-socjeta` rikorrenti qed tizbandjera f'wicc l-intimati biex illegittimament titfa` piz morali irrelevanti fuq l-istess intimati, mhix rizultat tal-operat tal-istess intimati izda frott ta' sensiela ta' decizjonijiet mehuda mill-istess socjeta` rikorrenti u mill-azzjonist principali taghha matul iz-zmien;

13.3.3. Illi *di piu`*, tali sitwazzjoni finanzjarja prekarja ma tarroga l-ebda dritt lis-socjeta` rikorrenti li tnaqqas id-drittijiet industrijali u ta' natura ta' dritt fundamentali u kostituzzjonali tal-intimati;

13.3.4. Illi *di piu`*, jirrizulta pacifiku, ghaliex ma kienx ribattut mis-socjeta` rikorrenti, li l-ftehim kollettiv bejn il-partijiet, effettivament skada fil-31 ta' Dicembru, 2015, (ara foll 26), u konsegwentement il-posizzjonijiet industrijali mehuda mill-intimati ma ttiehdux ghall-gharrieda jew b'sorpriza, u kienu ghalhekk ukoll legittimi u skont il-ligi;

13.3.5. Illi minflok, jirrizulta pacifiku li l-azzjoni minima li s'issa jirrizulta li ittiehdet mill-intimati kienet ittiehdet:

13.3.5.i. Wara li skada l-istess ftehim kollettiv; u

13.3.5.ii. Wara li kienu saru diversi laqghat bejn il-partijiet li fihom pero` ma kien registrat l-ebda progress;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi in vista tal-premess tirrileva sintetikament is-segwenti:

14.1 Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-ligijiet fuq riferiti jirrizulta pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna hu li jzomm lill-intimati milli b'xi mod, ikun li jkun, jaghmlu xi haga li tista` tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li tkun qed titlob il-mandat;

14.2. Illi biex dan l-iskop jintlahaq b'mod legittimu jehtieg:

14.2.1. Illi r-rikorrenti juri li l-mandat minnu rikjest hu necessarju biex jittutela d-drittijiet legittimi tieghu;

14.2.2. Illi jkun ukoll jidher li r-rikorrenti ghandu wkoll, fil-livell tal-*prima facie*, dawk id-drittijiet minnu vantati, (ara ***Sammut vs. Sammut, Prim' Awla tal-Qorti Civili***, datata l-***5 ta' Gunju, 2003***);

14.3. Illi kif irriteniet ukoll il-***Qorti tal-Kummerc*** fir-rikors ghall-hrug ta' mandat simili fl-ismijiet ***Cassar Pullicino nomine vs. Caruana Curran nomine et***, ***Kollezz. Vol. LXXIX IV 1387***, il-ligi thares il-jedd *prima facie* bhala rekwizit mehtieg ghall-hrug tal-mandat *de quo*;

14.4. Illi ghalhekk mhux bizzejjed biex jiggustifika l-hrug ta' tali mandat t'inibizzjoni li r-rikorrenti jkun qed jiffaccja semplici diffikulta`, disagg, jew thassib – anke finanzjarju, imhabba l-agir prospettat mill-intimat;

Ikkunsidrat:

15. Illi fir-rigward tal-prova tad-dritt *in prima facie* in dizamina, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Grech proprio et nomine vs. Manfre`***, datata l-***14 ta' Lulju, 1988***, ***Kollez. Vol. LXXII II 295***, il-***Qorti tal-Appell*** irriteniet is-segwenti:

> "... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie* ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidher xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat";

16. Illi *stante* li s-subinciz (1) u (2) tal-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit huma intrinsikament konnessi ma xulxin, fl-analizi taghha tal-istess, il-qorti ghandha ghalhekk l-oneru li tikkonsidra ukoll ir-rekwizit tal-pregudizzju allegat fl-atti in dizamina biex tkun tista` verament tasal ghar-risoluzzjoni gusta tal-vertenza intavolata;

17. Illi jirrizulta pacifiku li jekk rikorrenti jkollu dritt *in prima facie* x'jigi tutelat, dan il-grad ta' pregudizzju li jkun ser igarrab irid ukoll ikun wiehed irrimedjabbli;

18. Illi f'lingwagg aktar semplici, dan ir-rekwizit ta' irrimedjabbilita` jfisser li l-hsara li minnha r-rikorrenti jkun qed jilmenta trid tkunu tali li ma tistax tissewwa mod iehor;

19. Illi ghalhekk jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat ikun tali li jista` jitnehha, imqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dak l-element mehtieg ghall-hrug tal-mandat in dizamina, (ara ***Prim' Awla tal-Qorti Civili***, fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et nomine***, datat it-***2 ta' Jannar, 1993***);

Ikkunsidrat:

20. Illi kif irriteniet il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fil-procedura fl-ismijiet ***Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici datat il-25 ta' Jannar, 2005***, mandat t'inibizzjoni hu meqjus bhala mezz procedurali ta' natura eccezzjonali, fis-sens li l-iskop ta' tali procedura hu li l-jedd li rikorrenti jista` jkollu jista` jintilef darba ghal dejjem minghajr it-tutela prestata b'dan il-mandat partikolari;

21. Illi *di piu`*, fl-analizi taghha f'dan il-livell tal-procedura in dizamina l-qorti hi impedita milli tidhol u tanalizza l-mertu tal-istess fil-profondita` li hafna drabi kwezit ta' dan it-tip ikun jixraqlu;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost jigi sottolineat is-segwenti:

22.1. Illi l-fatt li tintlaqa` t-talba tar-rikorrenti fih innifsu ma jfissirx li d-dritt vantat ikun gie debitament ippruvat;

22.2. Illi *vice versa*, l-fatt li l-istess talba ma tintlaqax, ma jfissirx li l-istess dritt vantat ma jezistix;

23. Illi *di piu`*, ir-rekwiziti fuq elenkati ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni (ara paragrafu numru erbatax punt tnejn, (14.2.), aktar qabel) huma kumulattivi u mhux alternattivi ghal xulxin u ghalhekk, kemm -il darba wiehed minnhom ma jirrizultax, allura t-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat ghandha tigi respinta;

24. Illi hu pacifiku wkoll li l-procedura odjerna hi wahda ta' natura sommarja *nonstante* il-fatt li hi wkoll wahda eccezzjonali billi m'huwiex mistenni li jitressaq kull ma jmissu jitressaq quddiem il-qorti waqt is-smiegh tal-kawza dwar dan id-dritt specifiku;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi rigward il-forum idoneu ghas-smiegh tal-vertenza odjerna l-abbli rapprezentanti tal-intimati sintetikament isosstnu s-segwenti:

25.1. Illi l-forum idoneu ghas-smiegh tal-vertenza odjerna hu t-Tribunal Industrijali u mhux il-qorti odjerna;

25.2. Illi f'dan ir-rigward, il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili***, fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet ***Malta Union of Teachers (M.U.T.) vs Ministeru ghall-***

***Edukazzjoni u X-Xoghol et*** datata s-***26 ta' Marzu, 2015***, irriteniet is-segwenti:

> "... hija l-fehma ta' din il-qorti li bhala qorti ordinarja mhijiex prekluza milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-*union* rikorrenti fi procediment specjali bhal ma huwa dak tal-lum. Dan tghidu wara li qieset id-disposizzjonijiet generali tal-Kap 12 dwar il-mandati kawtelatorji, (artiklu 829 *et sequitur*) u l-mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju, (artiklu 830(1)(h), wara li qieset id-disposizzjonijiet li jolqtu l-mandat ta' inibizzjoni *ut sic*, (artiklu 873 *et sequitur*), wara li qieset il-kompetenza ta' din il-qorti, u wara li qieset ukoll l-artiklu 77(1) tal-Kap 452. Partikolarment dwar dan tal-ahhar li jghid li t-Tribunal Industrijali jkollu dawk is-setghat li bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma moghtija lill-Qorti Civili, Prim' Awla, din il-qorti tghid li d-disposizzjoni trid tkun meqjusa fil-kontest taghha, u taz-zewg subincizi l-ohra li jaghmlu l-artiklu 77, li jfisser li t-Tribunal Industrijali m'ghandux is-setgha li jqis u jiddeciedi dwar it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. B'hekk jinghad illi dan il-mandat ghandu jigi deciz minn din il-qorti";

26. Illi in vista tal-premess din ir-risposta tal-intimati qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

27. Illi *nonostante* l-iskadenza tal-ftehim kollettiv, (ara paragrafu numru tlettax punt tlieta punt erbgha, (13.3.4.), aktar qabel), is-socjeta` rikorrenti issosstni li tali skadenza m'ghandiex tifforma l-bazi tat-tilwima industrijali indirizzata mill-intimati *stante* li l-intimati xorta huma protetti mill-prassi industrijali vigenti li *nonostante* l-iskadenza ta' tali ftehim, dan xorta jibqa` vigenti w applikabbli sakemm ma jigix sovrastat bi ftehim kollettiv iehor;

28. Illi *nonostante* li l-partijiet jaqblu li saru diversi laqghat biex jintlahaq tali ftehim bejniethom, anke bl-istigazzjoni ta' din l-istess qorti, jirrizulta li dawn il-laqghat ghadhom ma hallewx il-frott deziderat, (ara foll 14);

Ikkunsidrat:

29. Illi *stante* li l-ftehim kollettiv in dizamina skada, allura jirrizulta legittimu li l-assocjazzjoni intimata tista` taghti dawk id-direttivi legittimi li jidhrilha xierqa u dan, *ai termini* tal-artiklu 64(1) tal-Kap 452 tal-ligijiet fuq indikati u *ai termini* tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

30. Illi dan qieghed jinghad ghaliex f'dan l-istadju l-intimati m'ghadhomx aktar inibiti bl-istess ftehim kollettiv milli jiehdu dawk il-passi legittimi li jidhrilhom xierqa fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, fosthom li jiddikjaraw tilwima industrijali, kif jirrizulta li ghamlu permezz tan-notifikazzjoni taghhom datata l-1 ta' Lulju, 2016, (ara foll 14);

31. Illi rizultat tal-istess il-posizzjoni mehuda mis-socjeta` rikorrenti li ssosstni li ma tezistix tilwima industrijali da parti tal-intimati hi ghal kollox erronea;

Ikkunsidrat:

32. Illi minn ezami tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti ghandu jkun pacifiku li dak li s-socjeta` rikorrenti qeghda titlob mill-intimati – senjatament li tinibihom milli jagixxu fil-liberta` fil-limiti tal-ftehim kollettiv *de quo* u tal-Kap 452 fuq riferit – effettivament imur lil hemm mill-limiti tal-ligi industrijali u jistraripa fil-limiti ferm aktar serji u onerizi tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-intimati naxxenti mill-artiklu 11 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 42 tal-Kostituzzjoni;

33. Illi ghandu jkun pacifiku li dan id-dritt fundamentali tal-liberta` ta' ghaqda u assocjazzjoni m'ghandux ikun ikkundizzjonat jew dipendenti mill-qaghda finanzjarja

prekarja tas-socjeta` rikorrenti – liema qaghda wara kollox *ex admissis*, ma gietx ikkawzata mill-intimati;

34. Illi hu pacifiku wkoll li tali dritt fundamentali tal-ghaqda u assocjazzjoni ma jistax jigi temporanjament sospiz pendenti trattattivi li jistghu jkunu qed jigu kondotti mis-socjeta` rikorrenti minn zmien ghal zmien;

35. Illi kemm -il darba awtorita` gudizzjarja tippresta ruhha biex ghal dawn ir-ragunijiet, unilateralment tissosspendi d-drittijiet fundamentali sanciti mill-Konvenzjoni u mill-Kostituzzjoni, din tkun qed tkisser il-progress demokratiku u socjali li ilu jevolvi snin twal u tkun qed tirrovina, forsi b'mod irrimedjabbli, l-principju tas-sovranita` tad-dritt li hu l-bazi tal-progress riskontrat mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l quddiem;

36. Illi kull ma l-intimati jidher li qed jipproponu hu li fl-interess taghhom, li huma biss jistghu jiddeterminaw, jimxu a bazi tal-Kap 452 fuq riferit u fil-limiti tal-istess;

37.0. Illi *nonostante* l-istess, jirrizulta li minn jeddhom l-istess intimati qeghdin jillimitaw ir-ragg tal-azzjonijiet industrijali legittimi lilhom spettanti meta ddikjaraw b'insistenza;

37.1. Illi fl-azzjonijiet spettanti lilhom huma ser ikunu prudenti, u

37.2. Illi mhux ser jiehdu azzjonijiet industrijali li jwasslu ghall-kancellament ta' titjiriet, (ara foll 45);

38. Illi kieku dak mitlub mis-socjeta` rikorrenti jigi avallat, ikunu qed jitpoggew limitazzjonijiet serjissimi fuq id-drittijiet fundamentali tal-intimati liema limitazzjonijiet ma jsibu l-ebda skontru fil-ligijiet *de quo* u ghalhekk, ma jistghux jintlaqghu;

Ikkunsidrat:

39. Illi stabbilita l-ezistenza ta' tilwima industrijali, spetta lill-intimati, mhux lis-socjeta` rikorrenti, li tiddeciedi kif hu l-

ahjar mod li l-intimati ghandhom jiddefendu l-interessi taghhom u tal-membri li qed jirraprezentaw;

Ikkunsidrat:

40.0. Illi fir-rigward tal-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti li rizultat tal-istess ser tbati telf ekonomiku li ma tiflahx ghalih, jinghad sintetikament is-segwenti:

40.1. Illi ghandu jkun pacifiku li s-sitwazzjoni ekonomika li s-socjeta` rikorrenti prezentement tinsab fiha mhix l-effett tal-agir tal-intimati;

40.2. Illi l-istess socjeta` rikorrenti emfasizzat li ilha topera mill-1 t'April, 1974, u l-Gvern ta' Malta hu l-azzjonist ewlieni taghha;

40.3. Illi ssosstni li minhabba l-evoluzzjoni tal-industrija tal-avjazzjoni kellha tirrikorri ghand il-Kummissjoni Ewropea biex tikkoncedi lill-Gvern ta' Malta il-possibilita` li jassisti lill-istess finanzjarjament, u dan, taht it-tutela tal-istess Kummissjoni, senjatament taht is-sistema kumunament maghrufa bhala *State Aid*;

40.4. Illi minkejja t-titjieb sostanzjali riskontrat, tul il-perjodu in dizamina jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti xorta ghada fi stat prekarju, (ara foll 45);

40.5. Illi fl-istadju prezenti jirrizulta li l-uniku mod li s-socjeta` rikorrenti tista` tibqa` operattiva hu jekk issib sieheb strategiku li jissollevha mis-sitwazzjoni prezenti;

40.6. Illi ghalhekk f'dan l-istadju, ma tistax taghti dik il-garanzija minnha mitlub mill-intimati biex tiggarantixxi l-impjieg minnhom mixtieq;

Ikkunsidrat:

41. Illi a bazi tas-suespost, is-sitwazzjoni finanzjarja negattiva sollevata mis-socjeta` rikorrenti mhix raguni bizzejjed biex tiggustifika l-hrug tal-mandat minnha mitlub;

42. Illi dan qed jigi ribadit ghaliex tali mandat jista` jkun awtorizzat biss kemm -il darba jigu sodisfatti r-rekwiziti fuq riferiti, (ara paragrafu numru erbatax punt tnejn, (14.2.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

43. Illi in vista tas-suespost is-socjeta` rikorrenti naqset li tipprova li l-mandat in dizamina minnha mitlub hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet minnha pretizi;

44. Illi in effetti, l-istess socjeta` rikorrenti tonqos li tipprova li ghandha tali drittijiet, anke fil-livell tal-*prima facie* statutorjament mitlub;

45. Illi *di piu`*, kwalunkwe azzjoni industrijali spettanti lill-intimati hi permessa u regolata *ai termini* tal-artiklu 64 tal-Kap 452 fuq riferit liema drittijiet ukoll jistraripaw fl-ambitu ta' dritt Kostituzzjonali, (artiklu 42), u Konvenzjonali, (artiklu 11), fuq riferiti liema drittijiet ma jistghux jigu manipulati u stultifikati bl-azzjoni intrapriza mis-socjeta` rikorrenti;

46. Illi finalment, bil-ghan li l-partijiet jaghrfu jagixxu bil-ghaqal ghall-gid komuni kif din il-qorti hi perswaza li ser jaghmlu, tiehu l-opportunita` tissottolinea li fl-operat taghhom il-partijiet m'ghandhomx jistriehu biss fuq il-virtujiet kardinali tal-*prudenza* u tal-*fortitudini* li s'issa jidhru li qed jemfasizzaw, izda jekk verament iridu tassew jagixxu ghal dan il-gid komuni, ghandhom jagixxu ukoll b'*temperanza* u b'*gustizzja stante* li kif jghallem Platun, dawn il-virtujiet kardinali huma attwalment inseparabbli minn xulxin jekk wiehed verament irid jagixxi b'***Gustizzja***;

**DECIDE:**

47.0. Illi in vista tal-premess tqis li s-socjeta` rikorrenti ma pprovatx it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

47.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

47.2. Tirrevoka ghalhekk *contrario imperio* id-digriet preliminari taghha datat it-12 ta’ Lulju, 2016;

47.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**